MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Numru 1277/2006

**IL-PULIZJIA**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**

**VS**

**ALEXANDER CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alexander Cassar, bin Vincent u Carmen nee' Pace, imwieled Hal-Qormi nhar is-16 ta' Awwissu, 1967, residenti fil-fond numru 18, Binja Dinja Gebla, Imtarfa, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 426767(M);

1. Akkuzat talli nhar il-25 ta' Mejju, 2002 u fi zminijiet differenti, qabel u wara rrenda ruhu komplici f'delitt meta xjentement, ghen jew assista persuna ohra biex jipprepara u jikkunsma reat, ta rapport falz f'denunzja lill-

Pulizija esekuttiva ta’ reat illi kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar meta sar rapport lill-pulizija minn haddiehor ta’ serq ta’ vettura tal-ghamla Peugeot 306, bin-numru tar-registrazzjoni CAL 306 meta fil-fatt kien jaf li dan is-serq ma sehhx;

2. U kif ukoll talli fl-istess zminijiet, xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta’ tieghu sabiex jaghmel delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassisti, jieqaf mieghu jew jikkompensah biex isir reat ta’ frodi ghad-dannu tal-kumapapnija tal-assigurazzjoni Citadel Insurance plc billi jirrapporta serq ta’ vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni CAL 306 meta fil-fatt dan is-serq ma sehhx.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 110(2), u 42(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkusidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Alexander Cassar hati, u ghaldaqstant tikkundannah ghal perjodu ta’ prigunerija ghal zmien xahar (1), sospiz ghal sena (1) ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------